**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI CIVILI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

**ILLUM 11 T'AWWISSU, 2016**

**Rikors nru: 161/2016 CFF**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1212/2016 fl-ismijiet:**
**Automated Revenue Management Services Limited**
**vs**
**Joseph Baldacchino u Mary Dolores Baldacchino f'isimhom proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Charnwoods Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Joseph Baldacchino u Mary Dolores Baldacchino f'isimhom proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Charnwoods Limited ipprezentat nhar l-14 ta' Lulju 2016 fejn esponew bir-rispett:

Illi l-esponent ghadu kif gie nfurmat illi sar mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi.

Illi l-bazi tal-mandat de quo hija ittra ufficjali numru 1355/2016 ipprezentata mis-socjeta' sekwestranti ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero' dik l-ittra ghadha ma tikkostitwixix titolu ezekuttiv u allura l-mandat odjern huwa frivolu u vessatorju u kif ukoll null u bla effett ghall-finijiet u effetti tal-ligi.

Illi in effetti fit-terminu moghti mill-artikolu 466 tal-Kap. 12 l-esponent ikkontesta l-pretenzjonijiet tas-socjeta' sekwestranti u, a tenur ta' l-artikolu 1.3 ta' Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 – Att Dwar l-Arbitragg, huwa ghamel dan permezz ta' procedura ta' arbitragg mandatarju. Dan sar ghaliex proprju minhabba d-dispost hawn fuq citat.

Illi ai fini ta' terminu, l-esponent qieghed jannetti c-certifikat tar-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg u jimmarkah bhala Dok A.

Illi jinghad ghalhekk li ma kien jezisti l-ebda vires li seta' wassal ghall-mandat ezekuttiv.

Illi in effetti qed jigu esebiti ma dan ir-rikors kopja tan-'notice of arbitration' u kopja tar-risposta tas-socjeta' sekwestranti ghal dak l-arbitragg. Giet nominata Dr. Graziella Bezzina bhala arbitru u ser jigu ffissati seduti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha, a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, thassar il-mandat fl-ismijiet premessi u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited pro et noe ipprezentata nhar is-27 ta' Lulju 2016 fejn esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited ipprezentat l-ittra ufficjali promotorja f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma u ghalhekk fl-okkju ta' din il-procedura ghandha tigi indikata bhala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe.

2. Illi fis-26 ta' Mejju, 2016, hija ntavolat ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 466 ta-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrenti Joseph Baldacchino pro et noe

li ggib in-numru 1355/2016, liema ittra ufficcjali giet debitament notifikata lill-intimati kollha fil-31 ta' Mejju, 2016.

3. Illi din l-istess ittra ufficcjali nterpellat lill-intimati jhallsu s-somma ta' €10,615.29 ghas-servizzi tad-dawl u ilma fil-fond 1, Charnwoods Limited A, qasam industrijali, Marsa kif spjegat fl-istess ittra ufficcjali.

4. Illi skond l-imsemmi artiklu 466 u precizament skont is-sub inciz (2), l-istess Joseph Baldacchino pro et noe kellu ghoxrin gurnata zmien biex permezz ta' rikors quddiem l-istess Qorti li fiha tkun giet pprezentata l-ittra ufficjali, u biex jopponi t-talba kontenuta fl-ittra ufficcjali.

5. Illi Joseph Baldacchino pro et noe naqas li jaghmel dan u ghalhekk il-pretenzjoni hemm dedotta fl-ittra ufficcjali giet reza titolu ezekuttiv kif jghid l-istess Art. 466(2) imsemmi aktar il'fuq.

6. Illi minhabba dan in-nuqqas ta' oppozizzjoni, wara li kien ghadda z-zmien rikjest mill-Ligi, fit-28 ta' Gunju, 2016 is-socjeta' esponenti ghaddiet biex tipprezenta mandat ta' sekwestru ezekuttiv, numru 1212/2016.

7. Illi l-imsemmi Joseph Baldacchino pro et noe, permezz ta' rikors intavolat fl-14 ta' Lulju, 2016 qed jikkontendi li l-procedura kif spjegata fuq ma tikkostitwix titolu ezekuttiv, kif trid il-Ligi u dana peress li huwa permezz ta' procedura kkontestata fl-imsemmija ittra ufficcjali billi beda procedura ta' arbitragg, u dan skont dokument anness ma l-istess rikors tieghu markat "Dok A".

8. Illi din il-Qorti ordnat n-notifika ta' dan ir-rikors lill-esponenti u akkordat jumejn zmien sabiex l-istess esponenti jirrispondi ghat-talba maghmula fl-istess rikors.

9. Illi r-rikors u digriet gie notifikat lill-esponenti fis-26 ta' Lulju, 2016.

10. Illi kif jghid l-Art 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, din ma hijiex il-procedura korretta biex tigi opposta talba maghmula ai termini ta' dan l-istess artiklu u dan

kif diga' gie spjegat u kif ser jigi spjegat ulterjorment waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

11. Illi l-imsemmi Joseph Baldacchino pro et noe qed jistrieh fuq dak li jghid l-artiklu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att Dwar l-Arbitragg li jghid testwalment, "Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma. Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-energija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u ghad-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma" (enfasi tas-sottoskritt).

12. Illi propju dan l-artiklu tal-Ligi, li fuqu qed jistrieh l-imsemmi Joseph Baldacchino, jordna li ghalkemm kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma, ghandhom jigu decizi f'arbitragg, fejn talba tigi maghmula bil-procedura ai termini tal-artiklu 466 tal-Kap 12 din ghandha ssegwi dak dettat mill-istess artiklu 466 u ghalhekk anke l-oppozizzjoni ghal tali talba trid bilfors issir permezz ta' rikors quddiem il-Qorti u mhux bil-procedura ta' arbitragg, tant li l-legislatur fl-artiklu msemmi f'paragrafu "11", dehrlu li kellu jsemmi dan biex tkun aktar cara u ma jkunx hemm lok ta' interpretazzjoni ohra. Jidher li l-imsemmi Joseph Baldacchino qed jaghti nterpretazzjoni zbaljata u ghal kollox kuntrarja ghal dak li jghid l-istess Art 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap 387.

13. Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din il-Qorti li tichad it-talba ta' Joseph Baldacchino pro et noe u tikkonferma l-ordni tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru (numru 1212/2016), mahrug fit-28 ta' Gunju, 2016, bl-ispejjez kontra Joseph Baldacchino pro et noe.

Rat l-atti tar-rikors datat 27 ta' Lulju 2016 fosthom ittra miktuba mic-Centru Dwar l-

Arbitragg ta' Malta li tghid li r-rikorrenti f'ishimhom proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Charnwoods Limited ipprezentaw avviz ta' l-arbitragg kontra s-socjeta' intimat Automated Revenue Management Services Limited fis-16 ta' Gunju 2016[1];

Rat id-digriet taghha datat 21 ta' Lulju 2016[2].

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwstru ezekuttiv numru 1212/2016 fl-ismijiet *Automated Revenue Management Services Limited vs Joseph u Mary Dolores konjugi Baldacchino u Charnwoods Limited*[3].

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata datata 27 ta' Lulju 2016 ghar-rikors promotur[4].

Rat kopja ta' l-ittra ufficcjali datata 26 ta' Mejju 2016 mibghuta mis-socjeta' intimata' kontra r-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u numerata 1355/2016[5].

Rat il-verbal tal-udjenza datata 29 ta' Lulju 2016 meta semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u ddifferiet ir-rikors ghal decizjoni[6].

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba ai termini ta' l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thassar il-mandat fl-ismijiet premessi numerat 1212/2016 u dan peress li ghalkemm ir-rikorrenti gew notifikati b'ittra mibghuta mis-socjeta' intimata ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma kkontestaw il-pretensjonijiet tas-socjeta' intimata a tenur ta' l-Artikolu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-rikorrenti jghidu li l-mandat ta' sekwestru precitat huwa frivolu u vessatorju u din il-Qorti ghandha thassru.

[1] A fol 1 et seq tal-process
[2] A fol 4 tal-process
[3] A fol 5 et seq tal-process
[4] A fol 9 et seq tal-process
[5] A fol 13 et seq tal-process
[6] A fol 12 tal-process

Is-socjeta' intimata min-naha taghha qeghda topponi minn din it-talba peress li skond l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti kellhom ghoxrin jum zmien biex jipprezentaw rikors quddiem il-Qorti li fiha giet ipprezentata l-ittra ufficcjali biex jopponu l-kontenut taghha. Peress illi r-rikorrenti ma prezentawx ir-rikors fit-terminu stabbilit mill-istess Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta, allura l-ittra giet reza titolu ezekuttiv u ghalhekk, l-istess socjeta' intimata targumenta li kellha kull dritt tipprezenta l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv *de quo*.

Illi l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

*466. (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut: Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

*(3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.*

*(4) F'każijiet ta' xorta urġenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull żmien perentorju bħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-parti l-oħra.*

Illi l-ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta mibghutha mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti fis-26 ta' Mejju 2016, giet notifikata lir-rikorrenti fil-31 ta' Mejju 2016[7]. Illi r-rikorrenti ma prezentaw l-ebda rikors entro t-terminu kif indikat fl-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta sabiex il-kreditu pretiz mis-socjeta' intimata jigi kontestat.

Madanakollu r-rikorrenti pprezentaw avviz ta' l-arbitragg datat 16 ta' Gunju 2016, skond huma entro t-terminu stabbilit u dan peress illi huwa t-Tribunal ta' l-Arbitragg ta' Malta li ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva li jisma' u jiddeciedi kwalunkwe tilwima jew kwistjoni relatata mal-provvista tad-dawl u l-ilma, u dan ai termini ta' l-Artikolu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligjiet ta' Malta, li jghid is-segwenti:

*1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma.*

*Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla ħsara, fejn dan japplika, għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma:*

[7] Ara fol 14 tal-process

*Iżda l-konsumaturi jkollhom jedd jippreżentaw it-talbiet tagħhom kontra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-każ, skont il-proċedura stabbilita b'dan l-Att:*

*Iżda wkoll minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda minbarra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew kull regolament magħmul taħtu fejn dawn il-liġijiet jikkonċernaw is-soluzzjoni, deskritta kif deskritta, ta' kull tilwim tal-konsumatur, u bla ħsara għal każijiet li hemm pendenti, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva fuq dawn il-każijiet.*

Il-Legislatur, f'din id-dispozizzjoni tal-Ligi ghamilha cara li qieghed jeskludi kull talba li ssir permezz tal-procedura kif elenkata ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan permez tal-kliem *"bla hsara"* li fil-verzjoni Ingliza hija indikata bhala *"without prejudice"*. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li ladarba intbaghtet ittra mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta, l-procedura li kellha tigi segwita sabiex jigi kontestat il-kontenut ta' dik l-ittra, kellha tkun dik kif imfassla fl-istess Artikolu u mhux permezz ta' xi att iehor.

L-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta, jsemmi bic-car fejn m'ghandhomx japplikaw id-dispozizzjonijiet tieghu u dan meta, "*qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provediment jew il-kiri ta' dak il-meter"*[8]. Huwa f'dak il-kaz biss illi l-procedura ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tkunx tista' tigi segwita. B'dan li meta tkun lahqet intbaghtet ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta mill-kreditur u li tkun giet notifikata lid-debitur allura l-unika procedura li trid tigi segwita' hija biss permezz ta' rikors kif stipulat fl-istess artikolu.

F'dan il-kaz ma jirrizultax li gie prezentat xi att gudizzjarju jew ittra registrata mir-rikorrenti li qeghda tikkontesta l-kreditu pretiz mis-socjeta' intimata qabel ma giet prezentata l-ittra mis-socjeta' intimata ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-

[8] Kwota mill-Artikolu 466 subinciz (1) tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta

Ligijiet ta' Malta, u wkoll, ma jirrizultax li gie prezentat rikors ai termini ta' l-istess Artikolu. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ittra mibghutha mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta, datata 26 ta' Mejju 2016 u numerata 1355/2016 giet reza titolu ezekuttiv, b'dan li llum is-socjeta' intimata ghandha d-dritt titlob mir-rikorrenti dak li skond il-Ligi huwa dovut.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors datat 14 ta' Lulju 2016, bl- ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**